# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001**

**Numru 3**

**Citaz. numru 1730/93 DS**

Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta

vs

Saviour Ellul u John Ellul bhala Diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Elbros Construction Ltd.

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut nomine, fit-13 t'Ottubru 1991 waqt li kienu qed ihaffru gewwa Kalaxlokk, Kalafrana, laqtu "high tension cable" propjeta' ta' l-attur nomine;

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi cable jammontaw ghal Lm527. 25,4 (hames mija u sebgha u ghoxrin Liri  Maltin hamsa u ghoxrin centezmu u erba' millezmi);

Illi ghalkemm il-konvenuti nomine gew interpellati permezz ta' ittra

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-hsara kkawzata fil-propjeta tal-attur nomine f'Kalaxlokk, Kalafrana, fit-13 ta' Ottubru 1991;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm527.254 in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess propjeta' kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 24 t'April 1992 u tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju 1993, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illli s-socjeta’ konvenuta m’hix responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali ghaliex:-

(a) Ma kienx hemm traskuragni da parti tal-konvenuti nomine; u

(b) Subordinament u bla pregudizzju, s-socjeta’ konvenuta mhix responsabbli ghad-danni eventwalment ikkawzati mill-haddiema taghha billi ma kien hemm ebda culpa in eligendo.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwelunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta’ April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-28 ta’ Novembru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

1. Permezz ta’ din il-kawza l-Korporazzjoni Enemalta qed tfittex lis-socjeta` konvenuta ghad-danni li sofriet wara li ntlaqat *high tension*

*cable* minn impjegat tas-socjeta` konvenuta. Bhala fatt dan huwa ammess minn Salvu Ellul stess.

2. Jirrizulta pero` li l-*cable* msemmi kien vicin hafna tal-wicc u mhux imqieghed skond il-procedura adoperata normalment, u cioe` bir-ramel taht u bil-kaptelli minn fuq (para. 19 tar-relazzjoni peritali). L-impjegati stess tal-Korporazzjoni attrici jixhduh.:

   Hekk Carmelo Farrugia, *senior technical officer*, ighid li *"f'dan il-kaz il-cable kien fil-wicc aktar milli suppost. Ahna s-soltu cable bhal dan inzommuh tliet piedi taht wicc it-triq. F'dan il-kaz il-cable kien jidher illi thalla fil-wicc…. Ma rajtx ir-ramel li s-soltu npoggu taht il-cable. Il-kaptelli kienu bicca maqlughin u bicca fil-post."* Pero` ma setax ighid min halla l-cable fil-wicc.

   U Joseph Cassar, *technical officer*, ukoll jikkonferma li l-*cable* ma kienx fil-fond u madwaru ma kienx hemm ir-ramel li s-soltu jkun hemm taht il-*cable*. Qal ukoll li fl-irjus tal-medda mikxufa seta` jara l-kaptelli ta' fuq il-*cable* u ma deherx li l-*cable* kien 'l isfel hafna f'dan il-punt. Inolte fil-medda mikxufa ma rax kaptelli hlief bicciet imxerrdin madwar il-*cable*.

3. Dwar il-procedura li kienet tintuza meta jkunu se jsir it-thaffir, Michael Camilleri, *technical officer* ma' l-istess Korporazzjoni attrici, spjega li l-kuntratturi kienu jmorru jghidu li jridu jhaffru u juruhom fejn. *"Ahna nghidulhom x'hemm u nwissuhom biex joqoghdu attenti anke dwar servizzi ohra u biex jaghmlu 'pilot holes'. Jekk ma nkunx naf nirriferihom ghal 'foremen' ohra."* Fuq il-prezenza tal-*cable* in kwistjoni dan ix-xhud qal li ma kellhomx pjanta tar-rotta. Huwa qal li meta l-*file* gie riferut lilu biex jispjega mnejn kienu ghaddejjin il-

*cables* u kemm kienu fil-fond, huwa ghamel minuta fil-*file* fejn qal li ma setax jaghti din l-informazzjoni billi ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dan il-*cable*. Huwa spjega li fil-lant kien sar hafna taqlib ta' xoghol, kemm mill-istallazzjoni antika tas-servizzi li kien jafha sew kif ukoll mill-istallazzjonijiet ta' wara fuq l-istess *cabling,* billi fil-post kien qed isir hafna xoghol ta' bini, tibdil u kostruzzjoni ohra u ghalhekk ma kinux jafu x'tibdil sar fir-rotot tal-*cabling*. *"Suppost illi saret pjanta biex turi r-rotta pero` ma nafx li saret wahda dwar dan il-cable."*

4. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taqbel mal-perit tekniku li s-socjeta` konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghad-danni kagunati meta kienet qed thaffer fit-triq fejn intlaqat il-*cable* msemmi. Il-Korporazzjoni attrici ma kenitx f'pozizzjoni li twissi lis-socjeta` konvenuta dwar il-prezenza tal-*cable*. Salvu Ellul isostni li saru l-verifiki mehtiega qabel ma beda x-xoghol, li gabu n-nies tal-Korporazzjoni attrici *"on site"* u li l-impjegati tieghu qalulu li mill-verifiki li saru l-*cable* kien qieghed f'fond ta' 1.2 m. taht wicc it-triq. Mela anke jekk stess kien hemm xi impjegat tal-Korporazzjoni attrici li kien jaf bil-*cable* u wissa lis-socjeta` konvenuta dwar il-prezenza tieghu zgur ma kienx wissieha dwar il-fatt li l-*cable* kien vicin wicc it-triq.

5. Ma jistax ghalhekk jinghad li kien hemm xi traskuragni da parti tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement it-talbiet attrici fil-konfront taghha qed jigu michuda. B'hekk lanqas hemm lok li jigi kkunsidrat jekk is-somma mitluba hijiex esagerata jew le.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur